MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2008

Numru. 397/2008

Il-Pulizija
(Sp Robert Vella)
vs
Rodney Vella, iben Nazareno, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ awissu, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat – fosthom fit-3 ta’ ottubru, 2005,
1. talli fit-2 ta’ mejju, 2008, għal habta tal-10.30 a.m. ikkometta serq ta’ flus minn ġewwa l-fond garage bin-numru 32, Triq il-Fortizza, Mosta għad-dannu ta’ Michael Gauci, liema serq hu aggravat bil-valur ta’ aktar minn €232.94 iżda anqas minn €2562.31;
2. talli kiser il-kondizzjonijiet mposti fuqu b’sentenza tat-12 ta’ ġunju, 2006 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

3. talli kiser il-kondizzjoni mposta fuqu li ma jagħmilx reat b'sentenza tas-16 ta' frar, 2007 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
4. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li hu ġie misjub ħati ta' diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta fosthom fit-3 ta' ottubru, 2005, fl-14 ta' april, 2005, fit-23 ta' settembru, 2005 liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' ġunju, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ)(e)267, 269(g), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta' frar, 2007. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ta' sentejn priġunerija ssir operattiva mil-lum u għalhekk l-imputat għandu jiskonta piena ta' sentejn priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------